# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA'

# MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Rikors Numru 3/2018**

**Grazio sive Horace Saydon ID 619329(M)**

**Emanuel Saydon ID878837(M)**

**Peter Paul Saydon ID 270746(M)**

**Mary Doris sive Doris Caruana nee Saydon ID 506144(M)**

**Kif ukoll**

**Frances Borg Saydon 389450(M)**

**Catherine Zammit 128553(M)**

**Michelle Mintoff nee Saydon 163057(M)**

**Melita Saydon ID 233059(M)**

**Vincent Saydon ID 258861(M)**

**Bhala wlied u werrieta tal-mejjet Giuzeppi Saydon u**

**Jane Saydon ID 0594345m**

**Catherine Camilleir nee' Saydon ID 456368(M)**

**Lorraine Borg nee Saydon ID 228771(M)**

**Aloysius Saydon ID 371685(M)**

**Rispettivament mart u wlied u werrieta tal-mejjet Charles Saydon**

**vs**

**Margherita Darmanin (ID 70639M)**

**Illum, 25 ta' Novembru, 2021**

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Grazio sive Horace Saydon et, ipprezentat fid-9 ta' Jannar 2018, li fih gie premess u mitlub:

*"1. Illi r-rikorrenti huma komproprjetarji tal-għelieqi magħrufa bħala "Ta' Ħarbux" ġewwa ż-Żurrieq;*

*2.Illi l-awturi tal-esponenti kienu jikru lill-intimat l-istess għalqa kif surreferita u dan versu l-ħlas ta' qbiela li titħallas kull 15 t'Awwissu, b'sena lura fl-ammont ta' sitt u erbgħin Euro sittin ċenteżmu (€ 46.60) fis-sena;*

*3.Illi t-terminu ta' qbiela kurrenti jagħlaq fl-14 t'Awwissu 2018;*

*4.Illi jirriżulta illi l-intimata kisret il-kundizzjonijiet tal-lokazzjoni u dan stante illi l-għalqa mhijiex qed tinħadem u mhix okkupata mill-intimata Margherita Darmanin jew minn membri tal-familja kif definiti fil-liġi, iżda ġiet sullokata u/jew mgħoddija lil terzi illi okkupaw l-art illegalment u mingħajr il-kunsens tas-sidien;*

*5.Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fis-sentejn li għaddew, l-intimata naqset illi abitwalment tieħu ħsieb l-għelieqi in kwestjoni inkluż li tassigura li l-hitan tar-raba' jinżammu fi stat tajjeb;*

*6.Illi apparti minn hekk, jirriżulta illi l-intimata kisret il-kundizzjonijiet tal-ftehim ta' qbiela kif patwit;*

*7.Illi kif intebħu bil-fatti fuq imsemmija, l-esponenti irrifjutaw illi jaċċettaw iżjed kera għall-għelieqi de quo u dan kif jidher mill-ittra annessa tat-12 ta' Settembru, 2016 (Dok GS1). Għall korrettezza jingħad illi l-intimata qiegħda preżentement tiddepożita l-istess kera fil-Qorti (ara ċedola datata 31 t'Ottubru 2017, hawn anness bħala Dok GS 2) iżda l-esponenti mhumiex qed jiritiraw l-ammonti depożitati.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu lil dan il-Bord sabiex, prevja l-likwidazzjoni ta' kwalunkwe benefikati veri u permessi mil-liġi li setgħu saru mill-intimata u li jistgħu ikunu dovuti lilha, jogħġbu.*

*i) Jawtorizża illi l-esponenti jieħdu lura l-pussess tal-għelieqi magħrufa bħala "Ta' Ħarbux" ġewwa ż-Żurrieq, kif hawn fuq deskritta, wara Santa Marija tas-sena 2018 jew f'dik id-data li l-Bord jidhirlu xierqa u ġusta;*

*ii) Konsegwentement, tikkundanna lill-intimata sabiex tiżgombra mill-istess raba' fi żmien qasir u perentorju, li dan il-Bord jidhirlu ġust fiċ-ċirkostanzi;*

*Bl-ispejjeż kontra l-istess intimata."*

Ra r-risposta tal-intimata, fejn gie eccepiet li:

*"Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huma msejsa fuq fatti skoretti, inkompluti u/jew ivvintati;*

*Illi kif ghad jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kaz mhux minnu li l-esponenti abbandunat l-ghalqa in kwistjoni jew li ma tahdimhiex jew ma tiehux hsiebha;*

*Illi wkoll mhux minnu li r-raba gie sullokat lil terzi u li dawn qeghdin jaghmlu uzu mill-ghalqa;*

*Illi ghalhekk mhux minnu li l-esponenti kisret il-kundizzjonijiet tal-ftehim tal-qbiela;*

*Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi u ghal ragunijiet ohra li jisthu jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-kaz, it- talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti."*

Ra li din il-kawza giet assenjata lil dan il-Bord hekk kif ippresedut;

Ra x-xhieda kollha migbura;

Sema' sottomissjonijiet finali;

Ra li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

**Provi**

**Mary Doris Caruana** xehdet permezz ta' affidavit, fejn spjegat li hija wahda mis-sidien tal-ghelieqi maghrufa bhala Ta' Harbux li jinsabu fiz-Zurrieq, u li din l-art ilha proprjetà tal-familja min-naha ta' missierha, ghal snin twil. Spjegat li dawn l-ghelieqi kienu mqabbla lil Karmenu Darmanin madwar 75 sena ilu, ghal xi Lm 6, izda mbaghad, madwar 10 jew 12-il sena ilu, bi qbil ma' ibnu Guzeppi Darmanin, il-qbiela zdiedet ghal Lm 20 fis-sena, liema qbiela tithallas bil-quddiem kull 15 t' Awwissu. Spjegat li hija kienet tircievi l-qbiela f'isem il-familjari taghha, u tirrilaxxja rcevuta.

Spjegat li wara l-mewt ta' Karmenu Darmanin, il-qbiela ghaddiet f'idejn ibnu Guzeppi Darmanin, minghajr il-kunsens ta' missierha, Lorenzo Saydon. Spjegat li wara l-mewt ta' Guzeppi Darmanin, huma bhala sidien, gew avvicinati mill-armla tieghu, Margherita Darmanin. Spjegat li huma bhala sidien, irrifjutaw li jirrikonoxxu lill-armla, u qatt ma rrilaxxjaw ircevuti f'isimha. Spjegat li huma rrifjutaw ghaliex ndunaw li l-ghelieqi ma kinux qed jigi kkurati kif suppost. Spjegat li l-hitan tas-sejjieh thallew jaqghu, u qatt ma regghu tpoggew f'posthom, hlief ghal xi tiswijiet li saru madwar jumejn wara li saret din il-kawza. Spjegat li kulma jinzera', qamh ghaliex ma jirrikjedix xoghol biex tiehu hsiebu. Spjegat li dan ma jaghmilx gid lir-raba', li fihom suppost tintuza sistema ta' rotazzjoni.

Spjegat li hi u hafna mill-familjari taghha, joqghodu z-Zurrieq, u ghandhom ghelieqi qrib dik imqabbla lill-intimata. Ghalhekk jistghu jikkonfermaw dan kollu. Insistiet li l-intimata, qatt ma resqet 'l hemm. Spjegat li fl-ghelieqi, gieli jitfacca r-ragel tat-tifla tal-intimata, certu Emanuel jew Leli Farrugia, li huwa dilettant tal-insib, u jmur hemmhekk biex jipprattika d-delizzju tieghu. Spjegat li Farrugia juzaw l-imnasab li ilhom li nbnew madwar tletin sena ilu. Spjegat li Leli ghandu artijiet ohra, u juzahom ghall-agrikoltura, izda din l-ghalqa, qatt ma juzaha. Spjega li dan ghandu impjieg, u huma qatt ma rrikonoxxewh bhala inkwilin.

Ikkonfermat li tkellmu mal-avukat taghhom, u ntbaghtet ittra fit-12 ta' Settembru 2016, fejn l-intimata giet infurmata li l-qbiela qed tigi rifjutata, u anke talbu l-pussess ta' din ir-raba'. Huma dejjem irrifjutaw il-hlas tal-qbiela. Spjegat li l-intimata kienet tathom x'jifhmu li jekk ihallsuha kumpens, hija kienet disposta tirrilaxxja din-ir-raba'. Spjegat li huma kienu offrewlha, fuq bazi minghajr pregudizzju, €1,500, izda din rega' bdielha. Spjegat li wara l-ittra ta' Settembru 2016, kien inzera' xi haga fl-ghelieqi, izda l-ghelieqi xorta ghadhom abbandunati.

**Emanuel Saydon** xehed li din l-ghalqa mertu tal-kawza, kienet tan-nanniet tieghu, u kienet imqabbla lil Darmanin. Spjega li din l-ghalqa ftit li xejn tkun b'xi patata jew basal, peress li qed tigi uzata bl-inqas spejjez possibbli, bhal per ezempju, ghat-tiben. Spjega li din ir-raba'. issa qieghda f'idejn mara anzjana. Ikkonferma li din ir-raba' kienet tintuza wkoll ghall-insib.

**Jane Saydon** xehdet li f'din l-ghalqa, hemm hitan mwaqqghin. Spjegat li r-ragel taghha, Charles Saydon, kellu raba' hdejn ir-raba', mertu ta' din il-kawza. Spjegat li fl-ghalqa mertu ta' din il-kawza, kien hemm kamra li kien jidhol ghaliha zewgha, Charles Saydon. Spjegat li bhalissa hemm Leli jahdem din ir-raba'. Spjegat li qabel, kien hemm Guzeppi Darmanin. Kompliet tixhed li Leli ghamel bieba, u ma tahomx kopja tac-cavetta. Sostniet li hi qatt ma accettat flus minghand Leli. Sostniet li r-raba' mertu tal-kawza, ma tintuzax ghal prodotti bhal patata. Kienet tinzera' qamh, u forsi kienu jinzerghu xi erba' patatiet, kemm jinqeda l-istess Leli. Sostniet li lanqas hemm bir jew ilma. Sostniet li f'din l-ghalqa, Leli jonsob, ghax ghad hemm id-dura. Insistiet li l-ghalqa mhix kultivata.

**Emmanuel Farrugia** xehed li huwa r-ragel tat-tifla tal-intimata. Spjega li martu jisimha Catherine Farrugia. Huwa kkonferma li r-raba' in kwistjoni, jinsabu z-Zurrieq, limiti ta' Bubaqra, fi sqaq. Spjega li din ir-raba' hija maghrufa bhala Ta' Harbux, u hija mqabbla lil Margherita Darmanin. Qabel kienet imqabbla lil Guzeppi Darmanin, li kien ir-ragel ta' Margherita. Spjega li huwa ilu ghal dawn l-ahhar tletin sena, jghinhom f'din ir-raba'. Spjega li Guzeppi ilu li miet madwar sentejn u nofs. Spjega li din ir-raba' tinhadem bil-patata, basal, ful u qamh. Spjega li wara l-mewt ta' Guzeppi, l-intimata qabbditu biex ikompli jahdimhom, halli jkunu jistghu jieklu l-familja. Spjega li huwa qed jizra' patata, ful, pizelli, u cicri, u minnhom tiekol l-intimata u l-familja taghha. Spjega li jintefa' d-demel bhala fertilizzant, u bhala sors tal-ilma, jekk tkun sena xotta, huwa jgib bowser. Spjega li ghandu pajp mghotti li jitqabbad mal-manku tal-bowser, u l-prodott jissaqqa. Ikkonferma li bir ma hemmx.

Sostna li r-raba' hemmhekk, huwa baghli. Ezebixxa xi ritratti li ttiehdu fi Frar 2019 minn ibnu. Spjega li hemm mansab li ilu aktar minn 80 sena go fih, li huwa rregistrat mal-Gvern. Sostna li l-hitan huma kollha mibnija. Meta jkun il-maltemp, jinqalbu xi hitan, u ghalhekk, huwa jerga' jtellghu. Spjega li hemm hajt li tahtu huwa mherri, izda ma jista' jsir xejn, hlief li jerga' jittella' jekk jaqa'.

In kontroezami, huwa kkonferma li dan l-ahhar, tella' xi hitan, u kien rah Peter Saydon. Spjega li l-mansab huwa rregistrat f'isem Guzeppi Darmanin u f'ismu wkoll. Spjega li huwa jahdem mal-Enemalta, izda bhalissa misluf il-Biccerija bhala *cameraman*.

Emmanuel Farrugia xehed f'seduta ohra, fejn ipprezenta ritratti mill-MEPA, li minnhom jirrizulta li l-mansab ilu mal-erbghin sena. Spjega li fin-nofs tidher roqgha li fiha hemm il-mansab. Spjega li hemmhekk blat, u ma tistax tinhadem. Spjega li jekk tidhol b'mutur hemm, tkisser ir-romblu kollu minhabba l-blat.

Emmanuel Farrugia rega' xehed f'seduta ohra, fejn ipprezenta dokumenti li meta r-raba' kienet tinzera' qamh, ir-ragel tal-intimata kien jircievi sussidju minghand il-Gvern.

**Margherita Darmanin** xehdet permezz ta' affidavit, fejn spjegat li hi u zewgha kienu ilhom jiehdu hsieb din l-ghalqa, ghal aktar minn sittin sena, u qabel, din ir-raba' kienet f'idejn missier ir-ragel taghha. Spjegat li huma dejjem hallsu qbiela, u dejjem giet accettata, hlief ghal dawn l-ahhar tliet snin. Kompliet tghid li l-ghalqa tinhadem kollha, hlief ghal roqgha zghira fin-nofs, li fiha l-blat fil-wicc. Spjegat li din ir-roqgha kienet tintuza bhala mansab minn missier zewgha, imbaghad minn zewgha, u issa mir-ragel tat-tifla. Spjegat li l-mansab jintuza xi kultant, u bil-permessi mehtiega.

Spjegat li r-raba' mhux saqwi, izda jinhadem regolarment peress li jingieb ilma bil-bowser, u jiddahhal b'pajp ohxon taht il-hajt tas-sejjieh. Spjegat li fir-raba', kienu jizirghu patata, basal, ful u qamh. Spjegat li jdawwru l-wicc skont is-sengha tal-biedja, u jiehdu hsieb il-hitan. Spjegat li kienu jdemmlu r-raba' bid-demel tal-bhejjem li kienu jrabbu, u dan ghadhom jaghmluh sal-lum, bid-demel tat-tigieg. Kompliet tghid li madwar tnax-il sena ilu, Leli Farrugia beda jghin lir-ragel taghha fir-raba', ghax ir-ragel taghha kien kiber. Zewgha baqa' jinzel fir-raba' sa gimgha qabel ma'

miet. Qalet li hija kienet tghin lil zewgha, izda mhux b'mod regolari. Qalet li xogholha kien iktar mitfugh fuq il-hlib tan-nghag u t-trobbija tat-tigieg. Qalet li Leli Farrugia baqa' jahdmilha r-raba', u jiehu hsieb jigbor il-prodott. Spjegat li parti mill-qamh jintuza ghat-tigieg li trabbi, filwaqt li l-prodott l-iehor jitqassam bejniethom, u kif ukoll hija taghti minnu lil uliedha l-ohra. Spjegat li malli miet zewgha, is-sidien irrifjutaw il-qbiela. Spjegat li hija ma accettatx li meta tmut hi, ir-raba' tmur lura ghand is-sidien.

**Rapport tal-membri teknici**

Il-membri teknici ghamlu varji osservazzjonijiet u kkonkludew li :

> *"Minn dan l-access nikkonkludu li ghajr ghall-prezenza tal-mansab, ir-raba' kollu kien mahdum skont il-mestier u ma kien hemm l-ebda tip ta' haxix selvagg li seta' jaghti indikazzjoni li r-raba' kien fi stat zdingat ghal dawn l-ahhar snin."*

In eskussjoni, il-membri teknici spjegaw li kieku r-raba' ma kienx jinhadem regolarment ghal dawn l-ahhar snin, zgur li kien ikun hemm tipi ta' haxix selvagg, li huma kienu jinnotaw, u kienu jigbdu l-attenzjoni dwarhom. Spjegaw ukoll li l-periti teknici mhumiex f'pozizzjoni li jistabilixxu t-trangar ta' sliehi, ghax din hi purament kwistjoni ta' xhieda.

**Ikkunsidra:**

Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti qed issir fuq is-segwenti kazwali:

i. Hsarat fir-raba;
ii. Ksur tal-kundizzjonijiet tal-kirja; u
iii. Sullokazzjoni lil terzi.

Jirrizulta wkoll mill-provi prodotti, li gie lmentat ukoll li din ir-raba' qed tintuza ghall-insib.

Il-Bord ser jibda biex iqis l-ewwel kawzali, u cioè dik tal-hsarat fir-raba'. Fir-rigward ta' din il-kazwali, il-membri teknici kkonkludew li l-hitan tas-sejjieh huma generalment fi stat tajjeb, u li fir-ritratti numri 15 u 16, jidhru wkoll xi sliehi li kienu gew imsewwija, wahda fuq in-naha ta' lvant, u ohra fil-hajt lejn it-Tramuntana. Emmanuel Farrugia wkoll xehed f 'dawn il-proceduri, fejn spjega li huwa jiehu hsieb li meta hajt jinqaleb bil-maltemp, huwa jerga' jtellghu b'mod immedjat. In oltre, b'referenza ghall-incident li dwaru xehdet Jane Saydon, u cioè li zewgha kien rah itella' hajt ftit wara li nfethet il-kawza, Emmanuel Farrugia spjega li dakinhar, huwa kien qed itella' l-hajt li kien waqa' minhabba l-maltemp li kien sehh.

Fuq l-istegwra tal-provi li tressqu, dan il-Bord iqies li din il-kawzali ma gietx sodisfacentement ippruvata mir-rikorrenti.

Dwar l-allegazzjoni ta' ksur tal-kondizzjonijiet tal-kirja, dan il-Bord fehem li din il-kawzali qed tirreferi ghal-lment da parti tar-rikorrenti maghmul fir-raba' u l-hames premessa tar-rikors promotur, fejn gie allegat li l-ghalqa mhijiex qed tinhadem, u li l-intimata naqset li abitwalment, tiehu hsieb l-ghelieqi in kwistjoni.

Intqal f'Fortunata Callus v Maria Farrugia, deciza fl-20 ta' Ottubru 2003, illi :

> *"Ghall-kaz bhal dan tghodd is-senjalazzjoni tal-Qorti ta' lAppell fid-decizjoni fl-ismijiet "Markiz Joseph Scicluna – vs- Joseph Bezzina et", 6 ta' Ottubru 1999:*
>
> *"Din il-Qorti tifhem li meta l-ligi titkellem dwar uzu ta' raba riedet tfisser illi r-raba jkun mahdum skond is-sengha biex jigi utilizzat ghall-produzzjoni tal-prodotti. Ma kienetx allura tifhem li r-raba jkun qed jigi uzat jekk sempliciment kull tant zmien tintefa` ftit zerriegha mhollija ghall-elementi. Meta hekk jigri wiehed gustament seta' jsostni li r-raba ma jkunx qed jigi uzat imma abbuzat. Ir-ritratti esebiti, infatti, jippruvaw illi meta ttiehdu, fiz-zmien vicin meta nbdew il-prezenti proceduri, seta jigi accertat, kif del resto accertaw ukoll il-periti teknici tal-Bord, illi r-raba in kwistjoni kien zdingat u abbandunat u li kien ilu hekk ghal numru ta' snin"*

Intqal ukoll f'Joseph Zerafa vs Toni Casha, deciza fl-10 ta' Mejju 2006, mill-Qorti tal-Appell, illi li r-raba' ghandu jinhadem b'mod accettabbli, fis-sens li jkun qed jigi sfruttat ghal skop agrikolu b'mod regolari, u mhux li jsir xi uzu minnu ghall-agrikoltura, u dan biss bhala paraventu ghal skop principali iehor, li ghalih verament ikun qed jigi utilizzat. (Vide wkoll Carmela Aquilina et vs Teresa Magro et, deciza mill-Qorti tal-Appell, fil-25 ta' Gunju 1996).

Fil-kaz odjern, mix-xhieda prodotta u mir-rapport maghmul mill-membri teknici, irrizulta li r-raba' in kwisjtoni, qed jinhadmu b'mod regolari. Irrizulta wkoll li din ir-raba' tinzera' mhux biss qamh, izda wkoll bi prodotti ohra tal-borma, li jintuzaw mill-intimata u t-tfal taghha flimkien mal-familji rispettivi taghhom. Gew ukoll ipprezentati dokumenti li huma prova, li Giuseppe Darmanin kien jinghata sussidju ghal hdim ta' din ir-raba' (EFF1 – EFF4). Tressqet prova wkoll li minhabba li r-raba' huwa baghli, meta jkun stagun xott, jingieb bowser u l-ilma jghaddi minn pajp ohxon, li wkoll gie nnotat mill-membri teknici waqt l-access. L-istess membri teknici kkorraboraw il-verzjoni moghtija minn Emmanuel Farrugia u l-intimata, fis-sens li nnotaw li dan il-pajp jestendi tul iz-zewg ghelieqi mertu ta' din il-kawza, u li hlief ghal dan it-taghmir tat-tisqija, ma hemm xejn iktar f'din ir-raba'. Ghalhekk, anke din il-kawzali ma gietx ippruvata.

Dwar l-allegazzjoni ta' sullokazzjoni ta' din il-kirja, din ma giet ippruvata bl-ebda mod. Il-Bord qies li l-intimata hija persuna avvanzata fl-età, u li hija iktar midhla tal-hlib tan-nghag u tat-trobbija tat-tigieg u tal-bajd taghhom. Il-Bord jissenjala li huwa lecitu li jigu nkarigati terzi persuni biex semmai, jaghtu daqqa t'id fil-hdim ta' ghelieqi. In fatti, kif rilevat mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Gunju, 2006, fid-decizjoni fl-ismijiet, Villa Fermaux Limited u Dernise Farm Limited vs Carmelo u Mary konjugi Schembri, "*huma komuni hafna s-sitwazzjonijiet fejn kerrej ta' raba li jkun wasal f' certa eta`, jew ghax ma jkunx jiflah aktar jahdem ir-raba, jiddeciedi li jaqsam ir-raba lokat bejn uliedu. Dan naturalment ghal motiv ukoll li jiskansa dissidji bejniethom ghal wara mewtu. F' kaz ta' qasma bhal din jinholqu relazzjonijiet guridici li jipproducu l-effetti taghhom u huma vinkolanti inter partes. Ara "Abela utrinque" (ibid.), Appell Inferjuri, 29 ta' Marzu 1996*".

Il-Bord iqies li raba' jista' jinhadem permezz ta' terzi, u ma hemm xejn stramb jew straordinarju illi sid, u anke f'dan il-kaz, kerrej, iqabbad terzi biex jahdmu r-raba' ghalih, jekk dan ikun aktar vantaggjuz. (Vide Giuseppe Bonnici vs

Leonard Incorvaja, Prim' Awla, 3 ta' Ottubru 2003). Jekk ir-raba' jinhadimx mill-intimat innifsu jew tramite terzi, ma taghmilx differenza. Kif saput, ma hux eskluz fil-ligi, li l-inkwilin jinkariga persuni ohra biex jahdmu fir-raba' fl-interess tieghu (Vide Joseph Zerafa vs Toni Casha, Appell, 10 ta' Mejju 2006, u Markiz Joseph Scicluna vs Joseph Bezzina et, Appell, 6 ta' Ottubru 1999). In fatti, f'Paolina Tanti vs Louis Cachia, deciza fil-11 ta' Jannar 2006, il-Qorti tal-Appell ghamlet referenza ghal Concetta Camilleri et vs Antonia Vella, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Gunju 1988, fejn anke jekk mhux fl-istess sens identiku ghal dan il-kaz, il-hsieb traccjat huwa wiehed ferm rilevanti, peress li hemm intqal:

> *"L-appellanti jissokta jikkwerela lill-Bord l-apprezzament li dan ghamel tal-provi. Huwa jtenni li, gjaladarba r-raba in lokazzjoni ghand ir-rikorrenti appellati kien jinhadem bl-assistenza ta' terzi, allura b' daqsehkk huma kellhom diga ` aktar raba milli fil-fatt kapaci jahdmu huma personalment. L-enfasi li jaghmel l-appellanti qeghda fuq il-kelma "personalment". Issa huwa veru illi anke skond it-test tad-disposizzjoni applikabbli, u fuq riportata, il-ligi ssemmi din il-kelma aktar minn darba. Dan pero` ma ghandux ifisser li r-raba reklamat lura irid bilfors jinhadem mis-sid personalment jew minn membru tal-familja personalment, kif din il-kelma ordinarjament tfisser, u cjoe billi tigi prestata l-hidma fizika u materjali tas-sid jew talmembru tal-familja tieghu;*
>
> *Kif kellha okkazjoni tirritjeni l-Qorti ta' l-Appell, li maghha din il-Qorti tikkonkorda, l-interpretazzjoni ma ghandhiex tkun wahda strettissima. I nghad li b' dik il-kelma "ma jfisserx li jrid ikun is-sid jew il-familjari tieghu li fizikament ikun/u ser jahdem/jahdmu r-raba li jkun, imma biss li s-sid jew il-familjari tieghu fizikament jew permezz tal-mano d' opera ta' haddiehor fl-interess taghhom u inkarigati minnhom jahdmu huma r-raba de quo. Altrimenti sid ta' eta` avanzata jew marid li ma jistax jahdem ir-raba hu minhabba l-eta` jew sahhtu u li m' ghandux familjari biex jahdmulu r-raba u li xorta ghandu bzonn ir-raba lura u jista' jimpjega bidwi jahdimhielu ikun prekluz*

*milli jiehu lura r-raba lokat, liema eventwalita` certament mhux dak li evidentement riedet il-ligi aktar u aktar meta l-fatt li ma jistax jahdem personalment minhabba eta` avvanzata jew minhabba mard jista' fil-fatt jaccentwa l-bzonn gharripresa ta' l-istess raba" – "Concetta armla ta' Giuseppi Camilleri et -vs- Antonia armla ta' Saverio Vella et", 30 ta' Gunju 1988."*

Il-Bord iqis li mill-provi prodotti, ghalkemm jidher li r-raba' hija f'idejn l-intimata, hija tablet lil Emmanuel Farrugia biex jaghtiha daqqa t'id fil-hdim u kultivazzjoni ta' din ir-raba', kif fil-fatt kien già jaghmel meta kien ghadu haj zewgha. Il-Bord iqies li b' daqshekk, ir-rikorrenti **ma rnexxielhomx jippruvaw li saret xi tip ta' sullokazzjoni a favur tar-ragel ta' bint l-intimata, Emmanuel Farrugia.** Fil-fehma ta' dan il-Bord, Farrugia kien qed jiehu hsieb din ir-raba' biex jghin lil kunjata tieghu.

Dan il-Bord sejjer ukoll jghaddi biex jezamina l-ilment, li f' din ir-raba' hemm mansab, u li din ir-raba' tintuza ghall-insib. Mir-rapport tal-membri teknici, irrizulta li hemm dura u mansab. Irrizulta wkoll ghajr ghall-mansab, ir-raba' kollu huwa mahdum skont il-mestier.

Il-Bord iqis li minn dak li kkonstataw il-membri teknici, u li rrizulta mill-provi ezebiti, huwa minnu li f'parti minn din ir-raba', hemm mansab u dura. Madanakollu, dan il-Bord iqis li nonostante dan, meta wiehed iqis l-estensjoni ta' din l-art, l-osservazzjonijiet l-ohra tal-membri teknici, u kif ukoll il-fatt li dan il-mansab kien ilu ezistenti ghal ghexieren ta' snin, hekk kif deltronde rrizulta mix-xhieda prodotti mir-rikorrenti, u mill-aerial photographs tal-MEPA ezebiti minn Emmanuel Farrugia (dok EF1 sa EF5), dan il-Bord ma hux konvint li l-iskop principali tal-uzu tar-raba' gie mibdul, u ma ghadux dak ta' skop agrikolu. Ir-raba', xorta wahda, qieghed jinhadem mill-inkwilina.

Il-Bord jaghmel referenza ghas-sentenzi li saret referenza ghalihom mill-istess intimati, u cioè dik moghtija fl-ismijiet, Nicholas Micallef et v. Anthony Scicluna et, tal-10 ta' Mejju 2016, deciza mill-Qorti tal-Appell, fejn intqal li:

*"Fil-hsieb tal-Qorti huwa lecitu li jinghad minn dawn il-provi illi r-raba de quo ma nkeriex lill-appellanti b' mod esklussiv ghal xi wiehed mill-iskopijiet fid-definizzjoni li l-*

*ligi taghti lill-kelma "raba" fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 199. Il-prova ta' l-uzu divers taggrava fuq sid il-fond li jallegaha u jekk, kif jidher li hu hawn il-kaz in ispecje, il-koncessjoni orginarja lill-appellanti kienet tikkomprendi kemm l-uzu tar-raba ghal skop agrikolu kif ukoll l-uzu taghha ghall-passatemp ta' l-insib ma jistax ragonevolment jinghad li sar uzu xort' ohra minn dak tad-destinazzjoni miftehma. Kien certament ikun differenti il-kaz kieku l-appellati rnexxielhom jistabbilixxu, b' mod inekwivoku u konklussiv, x' kienet verament id-destinazzjoni principali u preponderanti ta' l-affitt u li kien l-appellanti li ntroduca l-imnasab fil-fond mikri. Din il-prova ma saretx, jew ghall-anqas ma saretx ghal-liberu konvinciment ta' din il-Qorti. Fuq l-esperjenza taghha, imbaghad, din il-Qorti ma tara xejn straordinarju illi ma' l-iskop principali tal-kultivazzjoni tar-raba l-kerrej, fl-istess waqt, ikun koncess mis-sid juza parti minnha ghallezercizzju tad-delizzju tieghu, bhall-insib jew kacca, purke din ma tkunx eccessiva u l-iskop principali tal-kultivazzjoni agrarja ma jitrasformax ruhu mill-kerrej f' importanza sekondarja;*

*F' dan il-kaz, kif jirrizulta mir-ritratti esebiti (fol. 55, 56 u fol. 58 sa fol. 64) u mir-rapport tal-periti teknici (fol. 50), ir-raba jintuza kemm bhala tali ghall-kultivazzjoni ta' prodotti agrikoli kif ukoll ghall-insib. Kif gja ravvizat din il-kombinazzjoni ta' uzu jidher li kienet minn dejjem, anke jekk forsi l-appellanti seta' zied xi mansab ma' dak li kien hemm. B' dawn il-provi quddiemha u l-valutazzjoni dwarhom, din il-Qorti ma tarax kif tista', konvincentement taderixxi mar-ragonament u l-konkluzjoni tal-Bord. Kieku stess kien hemm xi dubbju x' kien il-ftehim originali certament kien hemm l-akkwiexxenza tas-sidien tal-fond jew ta' l-aventi kawza taghhom. L-appell principali qieghed ghalhekk jigi milqugh."*

Issir referenza wkoll ghad-decizjoni, Villa Fermaux Limited et vs Carmelo Schembri et, deciza fis-17 ta' Novembru 2017, fejn ukoll intqal li f'dak il-kaz, m'hemmx dubju li r-raba' kienet giet imqabbla lill-awturi tal-intimati, ghal skop agrikolu, u li lanqas ma rrizulta li l-ftehim ta' lokazzjoni, kien jikkontempla li l-parti mir-raba' tintuza ghal skop ta' kacca, jew bhala post ta' villeggatura. Madanakollu, il-Qorti tal-Appell ziedet tghid li "*hi tal-fehma li l-fatt li l-inkwilin ikun minn jeddu qed jagħmel xi*

*attivita oħra, ma jfissirx li jkun bidel id-destinazzjoni tal-kirja diment li mill-provi ma jirriżultax li dik l-attivita saret primarja filwaqt li l-kultivazzjoni agrarja tkun ittrasformat ruħha f'waħda sekondarja."*

Tal-istess portata, kienet is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet Carmel Mifsud vs Peter Paul Zerafa, deciza fit-12 ta' Lulju 2007, fejn intqal :

> *"Indubbjament, skond il-mudell maghruf tal-bonus paterfamilias, ghal liema tirreferi l-ligi komuni taht il-Kodici Civili, hu dmir ta' kull kerrej illi dan jaghmel uzu mill-haga mikrija skond l-oggett prefiss mill-ftehim jew, fin-nuqqas, skond l-uzu prezunt mic-cirkustanzi [Artikolu 1554 (a)].*
>
> *Jinghad fis-sentenza fl-ismijiet "Giuseppe Caruana -vsAngelo Bonavia et", Appell, 17 ta' Frar 1958, "Dan ighodd ukoll fil-kaz ta' raba', u jekk il-kerrej ma jahdemx irraba' huwa ma jkunx qieghed jaghmel minnu uzu ta' missier tajjeb tal-familja";*
>
> *Dan premess, fil-fattispeci, din il-Qorti ma ssibx li tezisti raguni sufficcjenti biex, kif qed tigi invitata mill-appellanti, hi tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni raggunta mill-Bord fuq dan il-punt. Ghalkemm hu veru li mill-provi rrizulta li lappellat ghandu l-passatemp ta' l-insib, l-allegazzjoni ta' l-appellanti illi l-kerrej tieghu ghandu mnasab fir-raba' mikri ma tirrizultax fondata. Kemm mix-xhieda ta' l-appellat (fol. 192), kif korroborata minn dik ta' Patrick Grech (fol. 218), l-imnasab jinsabu fuq il-parti blatija fil-konfini tarraba' imma mhux ukoll fil-parti kkultivata. Lanqas lill-istess Bord fl-access mizmum fit-18 ta' Mejju 2006 (ara traskrizzjoni tieghu a fol. 263) ma rrizultalu li r-raba' thalla zdingat jew ghall-attivita` in parti tad-delizzju ta' l-insib. Anke allura dan l-ilment qed jigi skartat bhala infondat."*

Fil-kaz odjern, dan il-Bord jaqbel ma' dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell fuq citata, u jqis li f'dan il-kaz li ghandu quddiemu, ghalkemm irrizulta li ssir attività minima ta'

insib, din l-attività ma saritx dik primarja, stante li l-attività primarja baqghet dik tal-kultivazzjoni agrarja.

**Decide**

**Ghal dawn ir-ragunijiet hekk kif fuq esposti, dan l-Onorabbli Bord qed jichad it-talbiet tar-rikorrenti, filwaqt li qed jilqa' l-eccezzjonijiet imressqa mill-intimata, bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.**

Magistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Registratur